

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Bank Ċentrali Ewropew kiser l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea peress li ċaħad lil din il-parti l-aċċess għad-dokumenti li fuqhom dik l-istituzzjoni bbażat ruħha sabiex tiddikkjara r-riżoluzzjoni ta' Banco Popular.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2017 – Quadri di Cardano vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-828/17)

(2018/C 063/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Alessandro Quadri di Cardano (Alicante, Spanja) (rappreżentanti: N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

tiddikkjara u tiddeċiedi,

- li d-deċiżjoni tat-28 ta' Frar 2017 tal-PMO li tinnotifikalu l-ħlas lura tal-allowance tal-espatriazzjoni ta' 16 % li kienet ingħatatlu kif ukoll l-ispejjeż ta' trasport li kien ibbenfika minnhom b'applikazzjoni tal-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal, matul il-perijodu ta' okkupazzjoni tal-EASME u dan, mis-16 ta' Mejju 2014 hija annullata;
- li sa fejn ikun neċċejjru, l-iskedi ta' remunerazzjoni regolarizzati wara n-notifika tad-deċiżjoni memmija iktar 'il fuq [huma annullati];
- il-kundanna tal-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea.
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi, kif ukoll tal-prinċipju ta' ċertezza legali, ta' żball manifest ta' evalwazzjoni kif ukoll il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.
-

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Diċembru 2017 – Coesia vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' forma ċirkolari, iffurmata minn żewġ linji oblikwi ta' kulur aħmar)

(Kawża T-829/17)

(2018/C 063/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Coesia SpA (Bologna, l-Italja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “(Rappreżentazzjoni ta' forma ċirkolari, iffurmata minn żewġ linji oblikwi ta' kulur aħmar) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 681 151

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Settembru 2017 fil-Każ R 1272/2017-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2017 – Szentes vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-830/17)**

(2018/C 063/27)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrenti: Gyula Szentes (Lussemburgu, il-Lussemburgo) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2017 u sa fejn ikun neċessarju l-att li jiċħad l-ilment tar-riktorrenti tad-29 ta' Settembru 2017;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-illegalità tal-avviż ta' kompetizzjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-Artikolu 6.4 tal-Anness III, li jeskudi li talbiet għal eżami mill-ġdid imressqa minħabba kontestazzjoni tal-evalwazzjoni mwettqa mill-Bord tal-Għażla jwasslu għal riżultat pożittiv, huwa illegali, billi jmur kontra d-dritt għal rimedju effettiv previst fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Id-deċiżjoni kkontestata hija illegali wkoll billi hija bbażata fuq l-imsemmija dispożizzjoni.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Id-deċiżjoni kkontestata tiċċiċta biss estratti ta' ġurisprudenza u ma tikkomunikax il-lista ta' kriterji ta' selezzjoni stabbilita mill-Bord tal-Għażla qabel l-evalwazzjoni tal-atti tal-kandidatura.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-iżnaturament tal-fatti u żball manifest ta' evalwazzjoni. Ir-rikorrenti tikkritika f'dan is-sens il-mod kif il-Bord tal-Għażla evalwa l-informazzjoni mogħiġiha fl-att tal-kandidatura.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-ksur tal-avviż ta' kompetizzjoni. Ir-rikorrenti ssostni li l-Bord tal-Għażla naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni r-relazzjoni reċiproka bejn il-varji taqsimiet tal-att tal-kandidatura sabiex jiddeċiedi jekk ir-rikorrenti ssodisfatx waħda mill-kundizzjonijiet għall-ammissjoni għall-kompetizzjoni.